# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 502/2015

**Il-Pulizija**

**vs**

**Charlene Ann Attard**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellanta, Charlene Ann Attard, detentrici tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 374482M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar is-17 ta' Gunju, 2015 u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer irrifjutat li taghti access lil wild taht il-kustodja taghha lil Kenneth Attard, hekk kif ordnat mill-Qorti jew hekk kif marbuta bil-kuntratt minghajr raguni xierqa (Kap 9 Artiklu 338 (ll);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-26 ta' Ottubru, 2015 li biha sabet lill-imputata hatja izda lliberatha bla kundizzjoni ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Charlene Ann Attard, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-4 ta' Novembru, 2015, li permezz tieghu talbet lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tilliberaha in toto minn kull imputazzjoni, htija u piena;

Rat l-aggravji tal-appellanta;

Semghet lix-xhud bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanta esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi mid-deposizzjoni tal-kwerelant f'din il-kawza jemergi b'mod mhux kontestat illi fil-perjodu msemmi fic-citazzjoni l-appellanta irrifjutat illi taghtih access ghall-wild taghhom. Dan izda, skond r-rikors tal-appell tal-appellanta, m'ghamlitux b'kapricc, dizrispett jew kattiverija, izda ghaliex temmen illi fl-ewwel lok mhix obligata taghmel dan, fit-tieni lok illi l-kwerelant ma huwiex dikjarat bhala missier il-wild u fit-tielet lok li wara assenza totali ta' tlettax-il sena mill- hajja tal-wild, ikun ta' hsara ghal dan tal-ahhar li jaqbad u jintoduci ruhu f'hajtu minghajr ma jkun ta' trawma ghalih;

2. L-appellanta, kif kellha kull dritt u minghajr konsegwenzi ta' inferenzi in rigward, ma xeheditx quddiem l-ewwel Qorti. Gara izda, illi fir-rikors tal-appell taghha akkludiet diversi dokumenti konsistenti f'kopja ta' ittri legali, atti ta' medjazzjoni bejn il-partijiet u estratt minn att ta' twelid tal-wild. Din il-Qorti, izda, *qua* Qorti ta' Appell hija prekluza ex artikolu 424 tal-Kodici Kriminali milli tiehu konjizzjoni ta' dawn id-dokumenti la darba ma kienux mressqa fil-prim'istanza. Kif deciz fil-kawza **Il-Pulizija vs Joseph Said 246/95 VDG 26.3.1996** "*Dejjem gie ritenut li l-artikolu 424 tal-Kodici Kriminali ghandu jigi strettament interpretat u applikat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, u dan in omagg ghall-principju li l-appell ghandu jsir primarjament a bazi tal-provi li jkunu nstemghu mill-ewwel qorti*";

1. Il-kompitu ta' din il-Qorti ghalhekk hu li tara jekk l-ewwel Qorti qabilha setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Issa, fid-deposizzjoni tieghu, il-kwerelant jikkonferma illi huwa qatt ma ra lil ibnu mit-twelid tieghu u li martu pprojbietu milli jaghmel dan ghal-tlettax-il sena intiera. Il-wild, li b'kumbinazzjoni biss igib l-istess kunjom tieghu, huwa registrat fl-att ta' twelid bhala missier mhux mgharuf. Bejn il-partijiet izda hemm kuntratt awtorizzat mill-Qorti Civili li biha l-partijiet rregolaw *inter alia* il-hlas tal-manteniment ghall-wild u d-dritt tal-access. Ir-raba' klawsola ta' dan il-kuntratt taqra hekk: "*4. – Il-paritjiet jiddikjaraw illi l-missier ghandu access ghat-tifel minuri skond kif jiftiehmu l-partijiet. F'kaz ta' nuqqas ta' qbil il-partijiet jirrimettu ruhhom ghad-decizjoni tal-Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja*". Minkejja dan, l-kwerelant qatt ma ezercita l-istess dritt ghall-perjodu ta' tlettax il-sena ininterrotti;

2. Permezz ta' zewg ittri mibghuta mill-legali tal-appellanta, l-kwerelant kien imwissi li m'ghandux dritt jipprova jiddisturba l-hajja ta' dan it-tifel wara assenza ta' 13-il sena ghaliex dan ser jikkaguna hsara fuq l-istess. Mistoqsi minn din il-Qorti ghaliex

ghazel li jaghmel rapport l-ghassa tal-pulizija meta l-kwerelanta rrifjutat li taghtih access ghall-minuri, wiegeb illi xtaq li jibda jsir l-access issa li stabbilit li huwa l-missier skond rizultati ta' DNA. Jghid ukoll il-kwerelant illi wara rifjut tal-appellanta, huwa inizzja proceduri quddiem il-Qorti Civili biex jinghata access izda dawn kienu michuda la darba l-paternita' tal-wild ma kienitx ghadha formalizzata fl-atti tat-twelid;

3. L-artikolu 338(ll) tal-Kodici Kriminali jirregola din is-sitwazzjoni bis-segwenti disposizzjoni li jipotizza reat: "meta ordnat jew ordnata mill-Qorti jew kif marbut jew marbuta bil-kuntratt biex jaghti jew taghti access lil wild taht il-kustodja tieghu jew taghha, jirrifjuta jew tirrifjuta li jaghmel jew taghmel hekk minghajr raguni xierqa". Il-kuntratt esebit mill-istess kwerelant, kontra ghall-dak li jirritjeni hu, jipprovdi ghad-dritt lil partijiet li jirrikorru u joqghodu ghad-decizzjoni tal-Qorti meta ma jistghax jintlahaq ftehim dwar l-access ghall-minuri. Ir-rifjut tal-appellanta li taghti dan l-access ma jistax jitqies li jmur kontra d-disposizzjoni tal-imsemmi kuntratt ghaliex kienet fil-poter li taghmel dan jekk hekk jidhrilha ghall-ahjar interess tal-minuri sabiex imbaghad tkun il-Qorti li tiddeciedi sia jekk ghandux ikun hemm access u dwar il-modalita' tieghu;

4. Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz ir-rifjut tal-appellanta ghandu jkun meqjus bhala raguni xierqa radikat l-ewwel mill-fatt illi ma kien hemm ebda ordni jew ftehim ta' access determinat kwantu jum u hin u fit-tieni lok illi l-introduzzjoni arbitrarja ghall-gharrieda tal-kwerelant fil-hajja tal-minuri wara assenza assoluta tieghu ta' tlettax-il sena mhix accettabbli hlief wara d-debita awtorizzazzjoni tal-Qorti bil-kawteli kollha fl-ahjar interess tal-minuri;

5. Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi l-konkluzzjoni tal-ewwel Qorti ma setghetx kienet legalment u ragjonevolment raggunta ghaliex jidher li hi radikata minn interpretazzjoni zbaljata sia tal-kuntratt bejn il-partijiet u tal-artikolu 338(ll) tal-Kodici Kriminali;

6. Ghal dawn ir-ragunijiet l-appell qed ikun akkolt u konsegwentement qed thassar is-sentenza appellata u qed tillibera lill-appellanta minn kull htija u piena.